

It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010

Direttiva 73/44/KEE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Anness VIII, kapitolu 1, taqsima I
Artikolu 3	Artikolu 17(2) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 4	Artikolu 17(3)
Artikolu 5	Artikolu 23 ■
Artikolu 6	—
Artikolu 7	—
Anness I	Anness VIII kapitolu 3 introduzzjoni u taqsimiet I sa IV
Anness II	Anness VIII, kapitolu 3, taqsima V
Anness III	Anness VIII, kapitolu 3, taqsima VI

Għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina *I**

P7_TA(2010)0169

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (COM(2009)0580 – C7-0277/2009 – 2009/0162(COD))

(2011/C 161 E/31)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0580),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0101/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titlu “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa” (COM(2009)0665) u l-addendum għaliha (COM(2010)0147),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tas-17 ta' Mejju 2010 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarjiet Barranin (A7-0058/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinstab hawn hekk;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2009)0162

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ttiprovdi l-għajjnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE.)

Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni (Emenda tar-Regolament (KE) Nru 247/2006) *I**

P7_TA(2010)0170

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 247/2006 li jstabilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (COM(2009)0510 – C7-0255/2009 – 2009/0138(COD))

(2011/C 161 E/32)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM (2009)0510),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 36, 37 u 299(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0255/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u l-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejnin bħalissa" (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 42, 43(2) u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,